

Brussell, 11 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2017/0333 (APP)**

15664/17
ADD 1

ECOFIN 1120
UEM 351

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Diċembru 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 827 final ANNEX
Suġġett:	ANNEX tal- Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Fond Monetarju Ewropew

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2017) 827 final ANNEX.

Mehmuż: COM(2017) 827 final ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.12.2017
COM(2017) 827 final

ANNEX

ANNEX

tal-

**Proposta għal Regolament tal-Kunsill
dwar l-istabbiliment ta' Fond Monetarju Ewropew**

STATUT TAL-FOND MONETARJU EWROPEW

PARTI I

SĦUBIJA U AMBITU

Artikolu 1

Status ġuridiku tal-Fond Monetarju Ewropew

Il-FME għandu jkollu personalità ġuridika. Għandu jgawdi fl-Istati Membri kollha l-kapaċità ġuridika l-aktar wiesgħa mogħtija lill-persuni ġuridiċi skont il-liġijiet nazzjonali. Huwa jista', b'mod partikolari, jakkwista proprjetà mobbli jew immobbli jew jiddisponi minnha u jista' jkun parti fi proċedimenti legali.

Artikolu 2

Sħubija

1. Membri tal-FME għandhom ikunu l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.
2. Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro għandu jsir Membru tal-FME mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 140(2) TFUE, li jirrevoka d-deroga tiegħu milli jadotta l-euro. Huwa għandu jsir Membru tal-FME fuq l-istess termini u kundizzjonijiet bħall-Membri eżistenti tal-FME.
3. L-eżerċizzju mill-Membri tal-FME tad-drittijiet kollha mogħtija b'dan ir-Regolament, inklużi d-drittijiet tal-vot, għandu jkun kundizzjonali mas-sottoskrizzjoni tal-kontribuzzjoni tagħhom għall-istokk kapitali awtorizzat.
4. Membru ġdid tal-FME għandu jirċievi ishma mill-FME bi skambju għall-kontribuzzjoni kapitali tiegħu, ikkalkulata skont il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni prevista fl-Artikolu 14.

Artikolu 3

Għan u kompiti

1. Il-FME għandu jikkontribwixxi biex jissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro, kif ukoll l-istabbiltà finanzjarja tal-"Istati Membri parteċipanti" fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.
2. Sabiex jintlaħaq l-objettiv tiegħu, il-FME għandu:
 - (a) jimmobilizza l-finanzjament u jipprovdi appoġġ għall-istabbiltà f'kundizzjonijiet ta' politika stretti, adatti għall-istrument ta' assistenza finanzjarja magħżul, għall-benefiċċju tal-Membri tiegħu li qed jesperjenzaw, jew jinsabu mhedda minn problemi finanzjarji serji, jekk ikun indispensabbli li tiġi ssalvagwardata l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro b'mod ġenerali jew tal-Membri tagħha;
 - (b) jipprovdi linji ta' kreditu jew garanziji stabbiliti bil-għan li jiġi appoġġat il-Bord Uniku ta' Rizzoluzzjoni (Single Resolution Board, "l-SRB") stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 għal kull kompitu assenjat lilu.

PARTI II
ORGANIZZAZZJONI U TEĦID TA' DEĊIŻJONIJIET

Artikolu 4

Struttura u regoli tal-votazzjoni

1. Il-FME għandu jkollu Bord tal-Gvernaturi u Bord tad-Diretturi, kif ukoll Direttur Maniġerjali u persunal ieħor, kif ikun meħtieġ. Il-Gvernaturi, id-Diretturi u s-sostituti rispettivi tagħhom għandhom iwettqu d-dmirijiet tagħhom mingħajr remunerazzjoni mill-FME.
2. Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Gvernaturi u tal-Bord tad-Diretturi għandhom jittieħdu b'unanimità, b'maġġoranza kwalifikata msaħħa, b'maġġoranza kwalifikata jew b'maġġoranza sempliċi, kif speċifikat f'dan ir-Regolament. Fir-rigward tad-deċiżjonijiet kollha, għandu jkun preżenti kworum ta' żewġ terzi tal-Membri tal-FME, bi drittijiet tal-vot li jirrappreżentaw tal-anqas żewġ terzi tad-drittijiet tal-vot.
3. L-astensjonijiet ta' membri preżenti jew rappreżentati ma għandhomx iżommu l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tkun tinħtieġ unanimità.
4. L-adozzjoni ta' deċiżjoni permezz ta' maġġoranza kwalifikata msaħħa tirrikjedi 85 % tal-voti mitfugħa.
5. L-adozzjoni ta' deċiżjoni permezz ta' maġġoranza kwalifikata tirrikjedi 80 % tal-voti mitfugħa.
6. L-adozzjoni ta' deċiżjoni permezz ta' maġġoranza sempliċi tirrikjedi maġġoranza tal-voti mitfugħa.
7. Id-drittijiet tal-vot ta' kull Membru tal-FME, kif eżerċitati mir-rappreżentattiva tiegħu fil-Bord tal-Gvernaturi jew il-Bord tad-Diretturi, għandhom ikunu daqs l-għadd ta' ishma allokatu għall-istokk kapitali awtorizzat tal-FME.
8. Fil-każ li Membru tal-FME jonqos milli jħallas parti mill-ammont dovut b'rabta mal-obbligi tiegħu rigward ishma żborżati jew il-kost tal-kapital skont l-Artikoli 8, 9 u 10 ta' dan l-Istatut, jew fir-rigward tar-rimborż tal-assistenza finanzjarja skont l-Artikoli 16 jew 17 ta' dan l-Istatut, id-drittijiet tal-vot tal-Membru tal-FME għandu jiġi sospiż għat-tul ta' dan in-nuqqas. Il-livelli ta' limitu tal-vot għandhom jiġu kkalkulati mill-ġdid kif meħtieġ.

Artikolu 5

Il-Bord tal-Gvernaturi

1. Kull Membru tal-FME għandu jaħtar Gvernatur u Gvernatur sostitut. Dawn il-ħatriet għandhom ikunu revokabbli f'kull ħin. Il-Gvernatur għandu jkun membru tal-gvern ta' dak il-Membru tal-FME li jkollu r-responsabbiltà għall-affarijiet finanzjarji. Il-Gvernatur sostitut għandu jkollu setgħa sħiħa biex jaġixxi f'isem il-Gvernatur, fil-każ li dan ma jkunx preżenti.
2. Il-President tal-Bord tal-Gvernaturi ("il-President") għandu jkun il-President tal-Grupp tal-Euro, kif imsemmi fil-Protokoll Nru 14 dwar il-Grupp tal-Euro anness mat-TUE u mat-TFUE. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jeleġġi Viċi President minn fost il-membri tiegħu, għal terminu ta' sentejn. Il-Viċi President jista' jerġa' jiġi elett. Elezzjoni ġdida għandha tiġi organizzata

mingħajr dewmien jekk il-President fil-kariga ma jibqax jissodisfa r-rekwiżit stipulat fil-paragrafu 1.

3. Membru tal-Kummissjoni u l-President tal-Bank Ċentrali Ewropew (“BĊE”) għandhom jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi bħala membri mingħajr vot.

4. Rappreżentanti tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro u li jipparteċipaw fuq bażi *ad hoc* flimkien mal-FME f'operazzjoni ta' għajjnuna għall-istabbiltà għal Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro, għandhom ikunu mistiedna biex jieħdu sehem bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi, fejn jiġu diskussi din l-għajjnuna għall-istabbiltà u l-monitoraġġ tagħha

5. Persuni oħrajn, inkluż rappreżentanti tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, għall-finijiet minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 4, istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet jistgħu jiġu mistiedna mill-Bord tal-Gvernaturi biex jattendu l-laqgħat bħala osservaturi fuq bażi *ad hoc*.

6. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jieħu d-deċiżjonijiet li ġejjin, kif stipulat f' dan l-Istatut b' unanimità:

(a) iżid jew inaqqas il-kapaċità ta' self minima skont l-Artikolu 8(6).

(b) jagħmel sejħiet ta' kapital, skont l-Artikolu 9 (1);

(c) iżid l-istokk kapitali awtorizzat skont l-Artikolu 10(1);

(d) jikkunsidra aġġornament possibbli tal-fattur ewlieni għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE u t-tibdil li għandhom isiru għall-kontribuzzjoni ewlenija għas-sottoskrizzjoni tal-istokk kapitali awtorizzat tal-FME skont l-Artikolu 11(4);

(e) japprova t-tibdil li għandu jsir għad-distribuzzjoni tal-kapital fost il-Membri tal-FME u l-kalkolu ta' tali distribuzzjoni bħala konsegwenza diretta ta' Stat Membru li jsir Membru ġdid tal-FME, skont l-Artikolu 11(3);

(f) jikkonferma jew jirrevedi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-provvediment ta' linji ta' kreditu jew l-istabbilment ta' garanziji f' appoġġ tal-SRB u jiddeċiedi li jżid il-limitu massimu għall-appoġġ għall-SRB, skont l-Artikolu 22(5);

(g) jadotta t-termini u l-kundizzjonijiet finanzjarji għall-provvediment ta' linji ta' kreditu jew l-istabbilment ta' limitu massimu f' appoġġ għall-SRB, skont l-Artikoli 22(5) u 23(1).

7. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jieħu d-deċiżjonijiet li ġejjin, kif stipulat f' dan l-Istatut b' maġġoranza kwalifikata msaħħa:

(a) jipprovdi għajjnuna għall-istabbiltà għall-Membri tal-FME, inkluż il-kundizzjonijiet ta' politika, kif stipulat fil-memorandum ta' qbil imsemmi fl-Artikolu 13(3), u jistabbilixxi l-għażla ta' strumenti u t-termini u l-kundizzjonijiet finanzjarji, skont l-Artikoli 14 sa 18;

(b) jitlob lill-Kummissjoni biex tinnegozja, flimkien mal-BĊE, il-kundizzjonijiet ekonomiċi ta' politika marbutin ma' kull assistenza finanzjarja, skont l-Artikolu 13(3);

(c) jibdel il-politika tal-ipprezzar u l-linji gwida tal-ipprezzar għall-assistenza finanzjarja, skont l-Artikolu 20;

8. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jieħu d-deċiżjonijiet li ġejjin, kif stipulat fl-Istatut b' maġġoranza kwalifikata:

- (a) jistabbilixxi t-termini tekniċi dettaljati meta Stat Membru jsir Membru tal-FME;
- (b) jeleġġi l-Viċi President, skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;
- (c) jiddetermina l-lista ta' attivitajiet mhux kompatibbli mad-dmirijiet ta' Direttur jew Direttur sostitut, skont l-Artikolu 6(8);
- (d) jadotta l-lista ta' kandidati għall-pożizzjoni ta' Direttur Maniġerjali u jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja għat-tneħħija tal-aħħar, skont l-Artikolu 7;
- (e) jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tal-FME;
- (f) jistabbilixxi fondi oħrajn, skont l-Artikolu 27;
- (g) jiddeċiedi l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu għall-irkupru ta' dejn minn Membru tal-FME, skont l-Artikolu 28(2) u (3);
- (h) japprova l-kontijiet annwali u r-rapport annwali tal-FME, skont l-Artikoli 31 u 32, rispettivament;
- (i) japprova l-awdituri esterni, skont l-Artikoli 34;
- (j) jaħtar il-membri tal-Bord tal-Awdituri, skont l-Artikoli 35(1);
- (k) jiddeċiedi l-lingwa ta' ħidma tal-FME skont l-Artikolu 47.

9. Il-President għandu jsejjaħ u jippresiedi fuq il-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi. Il-Viċi President għandu jippresiedi fuq dawn il-laqgħat meta l-President ma jkunx jista' jipparteċipa.

Artikolu 6

Il-Bord tad-Diretturi

1. Kull Gvernatur għandu jaħtar Direttur wieħed u Direttur sostitut wieħed minn fost in-nies ta' kompetenza għolja fl-ekonomija u kwistjonijiet finanzjarji. Dawn il-ħatriet għandhom ikunu revokabbli f'kull ħin. Il-Diretturi sostituti għandu jkollhom setgħa sħiħa biex jaġixxu f'isem id-Direttur, fil-każ li dan ma jkunx preżenti.

Kull Direttur u Direttur sostitut għandu jiddedika ħin u attenzjoni lill-attivitajiet tal-FME, kif meħtieġ. Waqt il-kariga tal-FME, u għal perjodu ta' sitt xhur wara li jkun temm din il-kariga, Direttur jew Direttur sostitut jista' ma jinvolvíx ruħu fl-attivitajiet determinati mill-Bord tal-Gvernaturi skont il-paragrafu 8.

2. Il-Kummissjoni tista' taħtar membru wieħed mingħajr vot. Il-BĊE jista' jaħtar osservatur.

3. Rappreżentant ta' kull Stat Membru li l-munita tagħhom mhijiex l-euro li jipparteċipa fuq bażi *ad hoc* flimkien mal-FME f'operazzjoni ta' għajjuna u assistenza għall-istabbiltà finanzjarja għal Stat Membru taż-żona tal-euro, għandhom ikunu mistiedna wkoll biex jieħdu sehem bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi, meta din l-assistenza finanzjarja u l-monitoraġġ tagħha jiġu diskussi.

4. Persuni oħrajn, inklużi rappreżentanti tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro għall-finijiet minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet jistgħu jiġu mistiedna mill-Bord tal-Gvernaturi biex jattendu l-laqgħat bħala osservaturi fuq bażi *ad hoc*.

5. Il-Bord tad-Diretturi għandu jieħu d-deċiżjonijiet b'maġġoranza kwalifikata, sakemm ma jkunx provvdut mod ieħor f'dan l-Istatut.

6. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Bord tal-Gvernaturi, kif stabbilit fl-Artikolu 5, il-Bord tad-Diretturi għandu jiżgura li l-FME jaħdem skont ir-Regolament u r-regoli ta' proċedura tal-FME.

7. Kull post vakanti fil-Bord tad-Diretturi għandu jimtela immedjatament skont il-paragrafu 1.

8. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jistabbilixxi liema attivitajiet ma jkunux kompatibbli mad-dmirijiet ta' Direttur jew Direttur sostitut.

Artikolu 7

Id-Direttur Maniġerjali

1. Id-Direttur Maniġerjali għandu jinħatar mill-Kunsill fuq il-bażi ta' mertu mill-kandidati li jkollhom in-nazzjonalità ta' Membru tal-FME, esperjenza internazzjonali rilevanti u ħiliet ta' livell għoli, għarfien u kompetenza fi kwistjonijiet ekonomiċi u finanzjarji.

Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jfassal lista ta' kandidati għal pożizzjoni ta' Direttur Maniġerjali. Huwa għandu jaħdem sabiex il-prinċipju ta' bilanċ bejn is-sessi jiġi rrispettat.

Il-Kunsill, wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew, għandu jaħtar id-Direttur Maniġerjali. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata. Il-membri tal-Kunsill biss li jirrapreżentaw l-Istati Membri, li huma fiż-żona tal-euro għandhom jivvutaw.

Id-Direttur Maniġerjali għandu jkun f'pożizzjoni full time. Barra minn hekk, huwa għandu jeżerċita r-rwol ta' Uffiċjal Kap Maniġerjali tal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja. Id-Direttur Maniġerjali m'għandux ikollu kariga oħra, fil-livell nazzjonali, tal-Unjoni jew internazzjonali u ma jistax ikun Gvernatur jew Direttur jew sostitut ta' xi wieħed minn dawn.

2. It-tul tal-mandat tad-Direttur Maniġerjali għandu jkun ħames snin. Huwa jista' jinħatar mill-ġdid darba. Id-Direttur Maniġerjali għandu jibqa' fil-kariga sakemm jinħatar is-suċċessur tiegħu. Fil-każ li d-Direttur Maniġerjali ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-prestazzjoni tad-dmirijiet tiegħu jew jinstab ħati ta' mgħiba ħażina serja, il-Qorti tal-Ġustizzja, b'talba tal-Bord tal-Gvernaturi u wara li tgħarraf lill-Parlament Ewropew tadotta deċiżjoni biex jitneħħa mill-kariga.

3. Id-Direttur Maniġerjali għandu jippresiedi l-laqqgħat tal-Bord tad-Diretturi u għandu jipparteċipa fil-laqqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi.

4. Id-Direttur Maniġerjali għandu jkun il-Kap tal-persunal tal-FME u għandu jkun responsabbli għal-organizzazzjoni, il-ħatra u t-tkeċċija ta' membri tal-persunal skont l-Artikolu 39 ta' dan l-Istatut.

5. Id-Direttur Maniġerjali għandu jkun ir-rappreżentant legali tal-FME.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13(4), l-Artikolu 14(3), l-Artikolu 15(3), l-Artikolu 16(3), l-Artikolu 17(3), l-Artikolu 18(4) u l-Artikolu 23(2) ta' dan l-Istatut, il-FME għandu jkun irrappreżentat b'mod validu fi kwistjonijiet ma' terzi persuni, kif ġej:

(a) mid-Diretturi Maniġerjali, jew fl-assenza tiegħu, minn kwalunkwe żewġ membri tal-bord maniġerjali li jaġixxu b'mod konġunt, u

(b) minn kull persuna li taġixxi fil-limiti ta' setgħat speċifiċi ddelegati mid-Direttur Maniġerjali.

6. Id-Direttur Maniġerjali għandu jmexxi, taħt id-direzzjoni tal-Bord tad-Diretturi, in-negozju attwali tal-FME u għandu jiġi assistit minn bord maniġerjali.

Il-bord maniġerjali għandu jikkonsisti mid-Direttur Maniġerjali, li għandu jippresiedi fuqu, u tali membri oħrajn tal-persunal tal-FME, kif id-Direttur Maniġerjali għandu jinnomina minn żmien għal żmien.

KAPITAL U KAPAĊITÀ TA' SELF

Artikolu 8

Stokk kapitali awtorizzat inizjali u kapaċità ta' self

1. L-istokk kapitali inizjali awtorizzat tal-FME għandu jkun EUR 704 798,7 miljun. Dan għandu jiġi diviż f' seba' miljuni sebgħa u erbgħin elf disa' mija u sebgħa u tmenin ishma, li jkollhom valur nominali ta' EUR 100 000 kull wieħed, li jkun disponibbli għas-sottoskrizzjoni permezz ta' trasferiment tal-kapital tal-FME skont il-kjavi tal-kontribuzzjoni inizjali stipulata fit-Tabella I u kkalkulat skont l-Artikolu 11 ta' dan l-Istatut. Is-sottoskrizzjonijiet għall-istokk kapitali awtorizzat inizjali jiġu stabbilit fit-Tabella II.

2. L-istokk kapitali awtorizzat inizjali tal-FME għandu jiġi diviż f' ishma mħallsa u ishma eżerċitabbli. Il-valur nominali aggregat totali inizjali ta' ishma mħallsa għandu jkun EUR 80 548,4 miljun. L-ishma tal-istokk kapitali awtorizzat inizjalment sottoskritti għandhom jinħarġu b'parità. Ishma oħra għandhom jinħarġu b'parità.

3. L-ishma ta' stokk kapitali awtorizzat ma għandhomx jiġu mxekkla jew mogħtija b'rahan b'kull mod possibbli, u dawn ma għandhomx ikunu trasferibbli, għajr għal trasferimenti għall-finijiet tal-aġġustamenti ta' implimentazzjoni tal-kjavi tal-kontribuzzjonijiet, kif definit fl-Artikolu 11(5) sa fejn ikun meħtieġ biex jiġi żgurat li d-distribuzzjoni tal-ishma tikkorrispondi mal-kjavi aġġustat.

4. L-obbligazzjoni ta' kull Membru tal-FME għandha tkun limitata, fiċ-ċirkostanzi kollha, għas-sehem tiegħu tal-istokk kapitali awtorizzat bil-prezz tal-ħruġ tiegħu. L-ebda Membru tal-FME ma għandu jkun responsabbli, minħabba s-sħubija tiegħu, għall-obbligazzjonijiet tal-FME. L-obbligazzjonijiet tal-Membri tal-FME li jikkontribwixxu għall-istokk kapitali awtorizzat skont dan ir-Regolament ma għandhomx ikunu affettwati jekk kwalunkwe tali Membru tal-FME jsir eliġibbli għall-assistenza finanzjarja jew ikun qed jirċeviha mill-FME.

5. Il-baġit tal-Unjoni ma għandux jinżamm responsabbli għal-ispejjeż jew it-telf tal-FME.

6. Il-kapaċità ta' self inizjali tal-FME għandha tkun mhux anqas minn EUR 500 000 miljun. L-ammont ta' impenji finanzjarji tal-FME ma għandux jeċċedi l-kapaċità ta' self minima f'kull ħin. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi biex iżid il-kapaċità ta' self. F'każijiet eċċezzjonali ġustifikati, il-Bord tal-Gvernaturi jista' wkoll inaqqas proviżorjament il-kapaċità ta' self jekk dan ikun meħtieġ biex jiġi żgurat li l-FME jkun jista' jissodisfa l-funzjonijiet tiegħu.

Artikolu 9

Eżerċitar ta' kapital

1. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jeżerċita kapital awtorizzat mhux imħallas f'kull ħin u jistabbilixxi perjodu ta' żmien xieraq għall-pagament tiegħu mill-Membri tal-FME.
2. Il-Bord tad-Diretturi jista' jeżerċita kapital awtorizzat mhux imħallas b'deċiżjoni ta' maġġoranza sempliċi biex iġib lura l-livell ta' kapital imħallas jekk dan tal-aħħar jitnaqqas bl-assorbiment tat-telf stabbilit fl-Artikolu 8(2) ta' dan l-Istatut, kif jista' jkun emendat mill-Bord tal-Gvernaturi wara l-proċedura stipulata fl-Artikolu 10 ta' dan l-Istatut, u jistabbilixxi perjodu ta' żmien xieraq għall-pagament tiegħu mill-Membri tal-FME.
3. Id-Direttur Maniġerjali għandu jeżerċita kapital awtorizzat mhux imħallas fi żmien xieraq jekk meħtieġ biex jiġi evitat li l-FME ikun kontumaċi fir-rigward ta' kull obbligu skedat jew ta' ħlas ieħor dovut lill-kredituri tal-FME. Id-Direttur Maniġerjali għandu jgħarraf lill-Bord tad-Diretturi u l-Bord tal-Gvernaturi ta' tali eżerċitar. Jekk jiġi identifikat nuqqas potenzjali fil-fondi tal-FME, id-Direttur Maniġerjali għandu jagħmel tali sejħa jew sejħiet ta' kapital mill-aktar fis possibbli bl-intenzjoni li jiġi żgurat li l-FME ikollu fondi suffiċjenti biex isiru l-pagamenti dovuti lill-kredituri b'mod sħiħ fid-data ta' maturità tagħhom. Il-Membri tal-FME għandhom irrevokabilment u inkondizzjonalment jintrabtu li jħallsu fuq talba kwalunkwe sejħa ta' kapital magħmula fisimhom mid-Direttur Maniġerjali skont dan il-paragrafu, fejn tali talba trid titħallas fi żmien sebat ijiem minn meta tasal.
4. Il-Membri tal-FME għandu jissodisfa s-sejħiet kapitali kollha f'waqthom.
5. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta t-termini u kundizzjonijiet dettaljati li għandhom japplikaw għal sejħiet kapitali skont dan l-Artikolu.

Artikolu 10

Żidiet fil-kapital

1. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jżid l-istokk kapitali awtorizzat tal-FME stipulat fl-Artikolu 11. L-ishma ġodda għandhom ikunu allokatu lill-Membri tal-FME skont il-kjavi tal-kontribuzzjoni stipulata fl-Artikolu 11.
2. Meta Stat Membru jsir Membru tal-FME, l-istokk kapitali awtorizzat tal-FME għandu awtomatikament jiżdied billi jiġu mmultiplikati l-ammonti li jeżistu f'dak iż-żmien skont il-proporzjon, fil-livell tal-kjavi tal-kontribuzzjoni aġġustata stipulat fl-Artikolu 11 ta' dan l-Istatut, bejn il-piż tal-Membru l-ġdid tal-FME u l-piż tal-Membri eżistenti tal-FME.

Artikolu 11

Kjavi tal-kontribuzzjonijiet

1. Il-kjavi tal-kontribuzzjonijiet għas-sottoskrizzjoni għall-istokk ta' kapital awtorizzat tal-FME minn Membri tal-FME, li huma Stati Membri fiż-żona tal-euro, għandha, soġġett għall-paragrafi 2 u 3, tkun ibbażata fuq il-kjavi għas-sottoskrizzjoni, tal-kapital tal-BĊE, mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Membri tal-FME, skont l-Artikolu 29 tal-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (l-"Istatut tas-SEBĊ") anness mat-TUE u t-TFUE.
2. Il-kjavi tal-kontribuzzjoni inizjali għas-sottoskrizzjoni tal-istokk kapitali awtorizzat tal-FME hija speċifikata fit-Tabella I ta' dan l-Istatut.

3. Il-kjavi tal-kontribuzzjoni għas-sottoskrizzjoni tal-istokk kapitali awtorizzat tal-FME għandha tiġi aġġustata meta:

(a) Stat Membru jsir Membru ġdid tal-FME u l-istokk kapitali awtorizzat tal-FME jiżdied awtomatikament; jew

(b) tintemm il-korrezzjoni temporanja ta' tnaqqs il-sena applikabbli għal Membru tal-FME, stabbilita skont l-Artikolu 44.

4. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jqis aġġornamenti possibbli għall-kjavi għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE imsemmi fil-paragrafu 1 meta l-kjavi tal-kontribuzzjoni tiġi aġġustata skont il-paragrafu 3.

5. Meta l-kjavi tal-kontribuzzjoni għas-sottoskrizzjoni tal-istokk kapitali awtorizzat tal-FME tiġi aġġustata, il-Membri tal-FME għandhom jittrasferixxu bejniethom biżżejjed stokk kapitali awtorizzat biex jiżguraw li d-distribuzzjoni tal-istokk kapitali awtorizzat tikkorrispondi għall-kjavi aġġustat.

6. Il-Bord tad-Diretturi għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta dan l-Artikolu.

PARTI IV

OPERAZZJONIJET TA'GĦAJNUNA GĦALL-ISTABBILTÀ TAL-FME

Titolu I

Prinċipji bażi tal-operazzjonijiet għall-istabbiltà tal-FME

Artikolu 12

Prinċipji

1. Fil-każ li jkun indispensabbli li l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro jew tal-Istati Membri tagħha tiġi ssalvagwardjata, il-FME jista' jipprovdi għajnuna għall-istabbiltà permezz tal-istrumenti stipulati fl-Artikoli minn 14 sa 19 għal Membru tal-FME, soġġett għal kundizzjonijiet ta' politika stretti, xierqa għall-istrument ta' assistenza finanzjarja magħżul. Tali kundizzjonijiet ta' politika jistgħu ivarjaw minn programm ta' aġġustament makroekonomiku skont ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ sa osservanza kontinwa ta' kundizzjonijiet prestabbiliti ta' eliġibbiltà.

2. Il-FME, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom josservaw b'mod sħiħ l-Artikolu 152 TFUE u għandhom jikkunsidraw ir-regoli nazzjonali u l-prassi u l-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Kif meħtieġ, l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ma taffettwax id-dritt li wieheġ jinnegozja, jikkonkludi jew jinforza ftehimiet kollettivi jew li jieħu azzjoni kollettiva f'konformità mad-dritt u l-prattiki nazzjonali.

Titolu II

Għajnuna għall-istabbiltà Finanzjarja għall-Membri tal-FME

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tiswira tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1).

Artikolu 13

Proċedura għall-għoti ta' sostenn għall-istabbiltà finanzjarja lill-Membri tal-FME

1. Membru fil-FME jista' jindirizza talba għal għajnuna għall-istabbiltà lill-President tal-Bord tal-Gvernaturi. Tali talba għandha tindika l-istrument tal-assistenza finanzjarja jew l-istrumenti li għandhom jiġu kkunsidrati. Meta jirċievi tali talba, il-President tal-Bord tal-Gvernaturi għandu jitlob lill-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mal-BĊE, biex twettaq il-kompiti li ġejjin:

(a) tivvaluta l-eżistenza ta' riskju għall-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro globalment jew tal-Istati Membri, sakemm il-BĊE ikun diġà ppreżenta analiżi skont l-Artikolu 18(2) ta' dan l-Istatut;

(b) tivvaluta jekk id-dejn pubbliku huwiex sostenibbli;

(c) tivvaluta l-ħtiġijiet ta' finanzjament attwali jew potenzjali għall-Membru tal-FME ikkonċernat.

2. Fuq il-bażi tat-talba mill-Membru fil-FME u l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħti, fil-prinċipju, għajnuna għall-istabbiltà lill-Membru fil-FME kkonċernat fl-għamla ta' faċilità ta' assistenza finanzjarja.

3. Fil-każ li tiġi adottata deċiżjoni skont il-paragrafu 2, il-Bord tal-Gvernaturi għandu jitlob lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-BĊE u mal-FME, biex tinnegozja *memorandum* ta' qbil ("MtQ") mal-Membru tal-FME kkonċernat, li jagħti dettalji dwar il-kundizzjonijiet ta' politika marbutin mal-faċilità ta' assistenza finanzjarja. Il-kontenut tal-MtQ għandu jirrifletti s-severità tad-dgħufijiet li għandhom jiġu indirizzati u l-istrument magħżul tal-assistenza finanzjarja. B'mod parallel, id-Direttur Maniġerjali għandu jħejji proposta għal ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja, inklużi t-termini u l-kundizzjonijiet finanzjarji u l-għażla ta' strumenti, li għandhom jiġu adottati mill-Bord tal-Gvernaturi.

Il-MtQ għandu jkun kompletament konsistenti mal-miżuri ta' koordinazzjoni ta' politika ekonomika previsti fit-TFUE, partikolarment ma' kull att fil-liġi tal-Unjoni, inkluża kull opinjoni, twissija, rakkomandazzjoni jew deċiżjoni indirizzata lill-Membru fil-FME kkonċernat u mal-programm ta' aġġustament makroekonomiku li għandu jiġi approvat mill-Kunsill skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 472/2013. Dan għandu jiġi preċedut b'valutazzjoni tal-impatt soċjali.

4. Il-Kummissjoni u l-FME għandhom jiffirmaw il-MtQ, soġġett għal konformità minn qabel mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 3 u approvati mill-Bord tal-Gvernaturi.

5. Il-MtQ għandu jsir pubbliku.

6. Il-Bord tad-Diretturi għandu japprova l-ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja, li jagħti dettalji dwar l-aspetti finanzjarji tal-għajnuna għall-istabbiltà li għandha tingħata u, fejn applikabbli, l-iżborż tal-ewwel parti tal-assistenza.

7. Il-FME għandu jistabbilixxi sistema ta' twissija xierqa biex jiġi żgurat li jirċievi f'waqtu kwalunkwe hłas lura dovut mill-Membru fil-FME skont l-għajnuna għall-istabbiltà.

8. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-BĊE, għandha timmonitorja l-konformità mal-kundizzjonijiet ta' politika marbutin mal-faċilità ta' assistenza finanzjarja.

Artikolu 14

Assistenza finanzjarja prekawzjonarja tal-FME

1. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħti assistenza finanzjarja prekawzjonarja fl-għamla ta' linja ta' kreditu b'kundizzjonijiet prekawzjonarji jew fl-għamla ta' linja ta' kreditu b'kundizzjonijiet imsaħħa skont l-Artikolu 12(1) ta' dan l-Istatut.
2. Il-kundizzjonijiet ta' politika marbutin mal-assistenza finanzjarja prekawzjonarja tal-FME għandhom ikunu dettaljati fil-MtQ, skont l-Artikolu 13(3).
3. It-termini u l-kundizzjonijiet finanzjarji tal-assistenza finanzjarja prekawzjonarja tal-FME għandhom ikunu speċifikati fi ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja, li għandu jiġi ffirmat mid-Direttur Maniġerjali.
4. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-linji gwida dettaljati dwar il-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-assistenza finanzjarja prekawzjonarja tal-FME.
5. Il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi permezz ta' maġġoranza kwalifikata msaħħa, abbażi ta' proposta mid-Direttur Maniġerjali u wara li jkun wasal ir-rapport ta' monitoraġġ mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 13(8), jekk il-linja ta' kreditu għandhiex tinżamm.
6. Wara li l-Membru tal-FME ikun fassal il-fondi għall-ewwel darba, permezz ta' self jew xiri fis-suq primarju, il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata msaħħa, abbażi ta' proposta mid-Direttur Maniġerjali u wara valutazzjoni mmexxija mill-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mal-BĊE, jekk il-linja tal-kreditu għadhiex xierqa u jekk hijiex meħtieġa forma oħra ta' assistenza finanzjarja.

Artikolu 15

Assistenza finanzjarja għar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' Membru tal-FME

1. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħti assistenza finanzjarja permezz ta' self lil Membru tal-FME għall-finijiet speċifiċi ta' rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' dak il-Membru tal-FME.
2. Il-kundizzjonijiet ta' politika marbutin mal-assistenza finanzjarja għar-rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ta' Membru tal-FME għandhom jiġu stabbiliti fil-MtQ, skont l-Artikolu 13(3).
3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 TFUE, it-termini u l-kundizzjonijiet tal-assistenza finanzjarja għar-rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ta' Membru tal-FME għandhom jiġu speċifikati fi ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja, li jiġi ffirmat mid-Direttur Maniġerjali.
4. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-linji gwida dettaljati dwar il-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-assistenza finanzjarja għar-rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu tal-Membru tal-FME.

5. Fejn applikabbli, il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi permezz ta' maġġoranza kwalifikata msaħħa, dwar proposta mid-Direttur Maniġerjali u wara li jkun wasal ir-rapport ta' monitoraġġ mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 13(8), l-iżborż tas-segmenti tal-assistenza finanzjarja wara l-ewwel segment.

Artikolu 16

Self tal-FME

1. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħti assistenza finanzjarja fl-għamla ta' self lil Membru tal-FME, skont l-Artikolu 12(1).

2. Il-kundizzjonijiet ta' politika marbutin mas-self tal-FME għandhom jinkludu programm ta' aġġustament makroekonomiku fil-MtQ, skont l-Artikolu 13(3).

3. It-termini u l-kundizzjonijiet finanzjarji ta' kull self tal-FME għandhom ikunu speċifikati fi ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja, li għandu jiġi ffirmat mid-Direttur Maniġerjali.

4. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-linji gwida dettaljati dwar il-modalitajiet għall-implimentazzjoni ta' self tal-FME.

5. Il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi permezz ta' maġġoranza kwalifikata msaħħa, dwar proposta mid-Direttur Maniġerjali u wara li jkun wasal ir-rapport ta' monitoraġġ mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 13(8), l-iżborż tas-segmenti tal-assistenza finanzjarja wara l-ewwel segment.

Artikolu 17

Faċilità ta' sostenn fis-suq primarju

1. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħmel arranġamenti għax-xiri ta' bonds ta' Membru tal-FME tas-suq primarju, skont l-Artikolu 12(1) u bl-għan li jimmassimizza l-kosteffiċjenza tal-assistenza finanzjarja.

2. Il-kundizzjonijiet ta' politika marbutin mal-faċilità ta' sostenn tas-suq primarju għandhom ikunu dettaljati fil-MtQ, skont l-Artikolu 13(3).

3. It-termini u l-kundizzjonijiet finanzjarji li bihom jitmexxa x-xiri tal-bonds għandhom jiġu speċifikati fil-ftehim ta' faċilità ta' assistenza finanzjarja, li jiġi ffirmat mid-Direttur Maniġerjali.

4. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta linji gwida dettaljati dwar il-proċedura għall-implimentazzjoni tal-faċilità ta' sostenn fis-suq primarju.

5. Il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi permezz ta' maġġoranza kwalifikata msaħħa, fuq il-bażi ta' proposta mid-Direttur Maniġerjali u wara li jkun wasal ir-rapport ta' monitoraġġ mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 13(8), l-iżborż tas-segmenti tal-assistenza finanzjarja wara l-ewwel segment.

Artikolu 18

Faċilità ta' sostenn fis-suq sekondarju

1. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħmel arranġamenti għal operazzjonijiet fis-suq sekondarju b'rabta mal-bonds ta' Membru tal-FME, skont l-Artikolu 12(1).
2. Id-deċizzjonijiet dwar interventi fis-suq sekondarju biex jiġi indirizzat il-kontaġġu jittieħdu abbażi ta' analiżi tal-BĊE li tagħraf l-eżistenza ta' ċirkostanzi eċċezzjonali tas-suq finanzjarju u r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja.
3. Il-kundizzjonijiet ta' politika marbutin mal-faċilità ta' sostenn tas-suq sekondarju għandhom ikunu dettaljati fil-MtQ, skont l-Artikolu 13(3).
4. It-termini u l-kundizzjonijiet finanzjarji li bihom jitmexxew l-operazzjonijiet tas-suq sekondarju għandhom jiġu speċifikati fil-ftehim ta' faċilità ta' assistenza finanzjarja, li jiġi ffirmat mid-Direttur Maniġerjali.
5. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta linji gwida dettaljati dwar il-proċedura għall-implimentazzjoni tal-faċilità ta' sostenn tas-suq sekondarju.
6. Il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata msaħħa, abbażi ta' proposta mid-Direttur Maniġerjali, biex jagħti bidu għal operazzjonijiet fis-suq sekondarju.

Artikolu 19

Strument għar-rikapitalizzazzjoni diretta tal-istituzzjonijiet ta' kreditu

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 TFUE, l-Artikoli 18(4)(d) u 27(9) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 u l-Artikoli 56, 57, u 58 tad-Direttiva 2014/59/UE, il-Bord tal-Gvernaturi tal-FME jista' jiddeċiedi li jagħti assistenza finanzjarja biex l-istituzzjonijiet ta' kreditu jiġu rikapitalizzati direttament b'talba ta' Membru tal-FME. L-assistenza għandha tkopri każijiet speċifiċi li fihom il-Membru tal-FME jesperjenza diffikultajiet serji fis-settur finanzjarju tiegħu li ma jkunx jista' jirrimedjahom mingħajr ma jipperikola b'mod sinifikanti s-sostenibbiltà fiskali tiegħu minħabba riskju serju ta' kontaġġu mis-settur finanzjarju għas-sovran jew jekk alternattivi oħrajn ikollhom l-effett li jipperikolaw l-aċċess għas-suq kontinwu tal-Membru tal-FME.
2. L-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata għandha tkun ta' relevanza sistemika jew għandha tpoġġi theddida serja għall-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro b'mod globali jew tal-Membru rikjedenti tal-FME.
3. Il-Membru tal-FME li fit-territorju tiegħu tinsab l-istituzzjoni ta' kreditu msemmija f'paragrafu 2, għandu jikkontribwixxi għal kapital ta' volum xieraq u kwalità flimkien mal-FME.
4. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jadotta linji gwida dettaljati dwar il-proċedura għall-implimentazzjoni tal-istrument għar-rikapitalizzazzjoni diretta ta' istituzzjoni ta' kreditu.
5. Il-Bord tad-Diretturi għandu japprova r-rikapitalizzazzjoni. Fejn applikabbli, tali approvazzjoni tista' ssir soġġetta għal kundizzjonijiet speċifiċi għall-istituzzjoni beneficijarja.
6. L-impenji finanzjarji li jinħolqu minn deċizzjonijiet adottati skont il-paragrafu 1 ma għandhomx jeċċedu t-total ta' EUR 60 000 miljun.

Titolu III

Politika ta' pprezzar u operazzjonijiet ta' teħid b'self tal-FME

Artikolu 20

Politika tal-ipprezzar

1. Meta jagħti l-għajnuna għall-istabbiltà, billi jipprovdi linji ta' kreditu jew l-istabbilment ta' garanziji, il-FME għandu jkollu l-għan li jkopri l-ispejjeż finanzjarji u operatorji u għandu jinkludi marġni xieraq.
2. Għall-istrumenti l-oħra kollha, l-ipprezzar għandu jkun dettaljat fil-linji gwida tal-ipprezzar, li għandhom jiġu adottati mill-Bord tal-Gvernaturi.
3. Il-politika tal-ipprezzar tista' tiġi eżaminata mill-ġdid mill-Bord tal-Gvernaturi.

Artikolu 21

Operazzjonijiet ta' teħid b'self

1. Il-FME jista' jiġġenera l-fondi billi joħroġ strumenti finanzjarji jew billi jidħol fi ftehimiet jew arranġamenti finanzjarji jew ta' tip ieħor mal-Membri tiegħu, istituzzjonijiet finanzjarji jew partijiet terzi oħra.
2. Il-modalitajiet tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self għandhom jiġu determinati mid-Direttur Maniġerjali, skont linji gwida li għandhom jiġu adottati mill-Bord tad-Diretturi.
3. Il-FME għandu juża għodod xierqa għall-immaniġġjar tar-riskju, li għandhom jiġu eżaminati mill-ġdid regolament mill-Bord tad-Diretturi.

PARTI V

APPOĠĠ GĦALL-SRB

Artikolu 22

Linja ta' kreditu jew garanziji għall-SRB

1. L-appoġġ finanzjarju għall-SRB għandu jingħata b'mod konġunt mill-FME u mill-Istati Membri parteċipanti fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, fuq termini u kundizzjonijiet ekwivalenti, permezz ta' linji jew limiti ta' kreditu, jew it-tnejn, għall-garanziji fuq l-obbligazzjonijiet tal-SRB.

L-ammonti ta' appoġġ ipprovdut lill-SRB f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom ikunu mġarrba mill-FME u mill-Istati Membri parteċipanti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu bi proporzjon ma' kjavi li jiġi kkomunikat mill-SRB meta jitlob l-appoġġ. Sabiex jiddetermina dak il-kjavi, l-SRB għandu jikkalkula l-kontribuzzjonijiet straordinarji *ex post* li se jkun hemm b'zonn jingħabru biex jitħallas lura l-ammont totali tal-appoġġ, u għandu jaggrega r-risultati fil-livell rispettiv tat-territorju tal-Membri FME kollha u t-territorji ta' kull Stat Membru parteċipanti fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 li l-munita tiegħu mhijiex l-euro. L-SRB għandu jagħmel dan il-kalkolu abbażi tal-aħħar

informazzjoni disponibbli għalih għall-finijiet tal-Artikolu 70 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014. Għall-finijiet ta' dan il-kalkolu, l-SRB ma għandux japplika l-Artikolu 5(1) tal-ftehim dwar it-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-Fond.

2. L-ammont kombinat ta' impenji pendenti li jirriżultaw minn deċiżjonijiet adottati skont il-paragrafu 1 għandhom ikunu soġġetti għal limitu massimu ta' EUR 60 000 miljun.

3. Fondi pprovduti lill-SRB għandhom jitħallsu lura mill-SRB f'konformità mal-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014.

4. Il-Bord tal-Gvernaturi, filwaqt li jaġixxi bi qbil mal-Istati Membri parteċipanti msemmija fil-paragrafu 1:

(a) għandu jadotta t-termini u kundizzjonijiet finanzjarji tal-appoġġ;

(b) jista' jiddeċiedi li jżid il-limitu massimu msemmi fil-paragrafu 2.

5. Meta Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro jsir Stat Membru parteċipanti fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, dan l-Istat Membru għandu jaqbel mal-FME u l-Istati Membri parteċipanti l-oħrajn fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, li jiġu kkonfermati jew riveduti, kif meħtieġ, it-termini u kundizzjonijiet msemmija fil-paragrafu 4.

Meta Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro jsir Stat Membru parteċipanti fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, il-limitu massimu msemmi fil-paragrafu 3 għandu jiżded bl-istess proporzjon bħaż-żieda fil-livell fil-mira li sseħħ f'konformità mal-Artikolu 69 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 meta Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro jsir Stat Membru parteċipanti fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

6. It-termini u kundizzjonijiet msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 4 għandhom ikunu ddettaljati ulterjorment fi ftehim jew iktar dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja, li għandu jiġi konkluż bejn l-SRB, min-naħa l-waħda, u l-FME u l-Istati Membri parteċipanti msemmija fil-paragrafu 1, min-naħa l-oħra.

7. Deċiżjonijiet dwar il-prelevament tal-linja ta' kreditu jew il-provvediment ta' garanziji fuq obligazzjonijiet tal-SRB għandhom jiġu adottati mhux aktar tard minn 12-il siegħa wara li tasal it-talba mill-SRB.

8. Meta t-talba tal-SRB tkun b'rabta ma' skema ta' rizzoluzzjoni, l-SRB jista', wara li jikkonsulta mal-Kummissjoni, jitlob l-appoġġ qabel l-adozzjoni ta' tali skema ta' rizzoluzzjoni. F'dan il-każ, id-deċiżjonijiet dwar il-prelevament tal-linja ta' kreditu jew il-provvediment ta' garanziji fuq obligazzjonijiet tal-SRB għandu jkollhom effett fl-istess waqt li l-iskema ta' rizzoluzzjoni tidħol fis-seħħ.

Artikolu 23

Regoli li japplikaw għall-FME

1. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jadotta t-termini u kundizzjonijiet finanzjarji tal-appoġġ tal-FME.

2. Id-Direttur Maniġerjali għandu:

(a) jiffirma l-ftehim, wara l-approvazzjoni mill-Bord tad-Diretturi;

(b) ikollu l-awtorità li jiddeċiedi dwar il-prelevament tal-linja ta' kreditu jew il-provvediment ta' garanziji fuq l-obbligazzjonijiet tal-SRB.

3. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-linji gwida dettaljati dwar il-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-linji ta' kreditu tal-FME jew il-garanziji lill-SRB.

Artikolu 24

Regoli li japplikaw għall-Istati Membri parteċipanti li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013

Qabel ma Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro jsir Stat Membru parteċipanti fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, dan l-Istat Membru għandu jipprovdi linji ta' kreditu jew garanziji b'appoġġ tal-SRB f'konformità mal-Artikolu 22 ta' dan l-Istatut, soġġett għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-BĊE li tistabbilixxi kooperazzjoni mil-qrib bejn il-BĊE u l-awtorità nazzjonali kompetenti ta' dan l-Istat Membri f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

Dawn l-Istati Membri għandhom iħejju l-proċeduri biex jippermettu lil dawn il-linji ta' kreditu u garanziji jiġu attivati f'konformità mal-Artikolu 22 ta' dan l-Istatut.

PARTI VI

ĠESTJONI FINANZJARJA

Artikolu 25

Politika ta' investiment

1. Id-Direttur Maniġerjali għandu jimplimenta politika ta' investiment prudenti għall-FME, sabiex tiġi żgurata l-ogħla affidabbiltà kreditizja tagħha, f'konformità ma' linji gwida li għandhom jiġu adottati u rieżaminati regolarment mill-Bord tad-Diretturi. Il-FME għandu jkun intitolat li juża parti mir-redditu fuq il-portafoll tal-investimenti tiegħu biex ikopri l-ispejjeż operattivi u amministrattivi tiegħu.

2. L-operat tal-FME għandu jkun konformi mal-prinċipji tal-ġestjoni soda finanzjarja u tar-riskji.

Artikolu 26

Politika ta' dividendi

1. Il-Bord tad-Diretturi, permezz ta' maġġoranza sempliċi, jista' jiddeċiedi li jqassam dividend lill-Membri tal-FME meta l-ammont ta' kapital imħallas u l-fond ta' riżerva jeċċedu l-livell meħtieġ biex il-FME jkun jista' jżomm il-kapaċità ta' self tiegħu u meta d-dħul mill-investiment ma jkunx meħtieġ biex jiġi evitat li ma jkunx hemm biżżejjed biex jitħallsu l-kredituri. Id-dividendi jitqassmu *pro rata* għall-kontribuzzjonijiet għall-kapital imħallas, b'kont meħud tal-aċċellerazzjoni possibbli msemmija fl-Artikolu 44(3).

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(6) u l-Artikolu 9(1) ta' dan l-Istatut, u bil-kundizzjoni li l-FME ma jkunx ta' assistenza finanzjarja lil wieħed mill-membri tiegħu, id-dħul mill-investiment tal-kapital imħallas tal-FME għandu jintradd lura lill-Membri tal-FME skont il-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom għall-kapital imħallas, wara li jsir tnaqqis għall-kostijiet operazzjonali.

3. Id-Direttur Maniġerjali għandu jimplimenta l-politika dwar id-dividendi għall-FME f'konformità ma' linji gwida li għandhom jiġu adottati mill-Bord tad-Diretturi.

Artikolu 27

Fondi ta' riżerva u fondi oħra

1. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jistabbilixxi fond ta' riżerva u, fejn xieraq, fondi oħrajn.
2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 26 ta' dan l-Istatut, l-introjtu nett iġġenerat mill-operazzjonijiet tal-FME u d-dħul mis-sanzjonijiet finanzjarji rċevuti mill-Membri tal-FME taħt il-proċedura ta' sorveljanza multilaterali, il-proċedura ta' defiċit eċċessiv u l-proċedura ta' żbilanċi makroekonomiċi stabbiliti taħt l-Artikolu 121(6) u l-Artikolu 126 TFUE għandu jiġi merfugħ f'fond ta' riżerva.
3. Ir-riżorsi tal-fond ta' riżerva għandhom jiġu investiti f'konformità ma' linji gwida li għandhom jiġu adottati mill-Bord tad-Diretturi.
4. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta tali regoli skont il-ħtieġa għall-istabbiliment, l-amministrazzjoni u l-użu ta' fondi oħra.

Artikolu 28

Kopertura tat-telf

1. Telf li jirriżulta tul l-operat tal-FME għandu jiġi miżmum:
 - (a) l-ewwel, kontra l-fond ta' riżerva;
 - (b) it-tieni, kontra l-kapital imħallas; u
 - (c) l-aħħar, kontra ammont xieraq tal-kapital mhux eżerċitat awtorizzat, li għandu jiġi eżerċitat skont l-Artikolu 9(3).
2. Meta Membru tal-FME jonqos milli jagħmel il-ħlas meħtieġ taħt sejħa għall-kapital li ssir skont l-Artikolu 9(2) jew (3) għandha ssir sejħa għal kapital riveduta għall-Membri kollha tal-FME bl-għan li jiġi żgurat li l-FME jirċievi l-ammont totali meħtieġ ta' kapital imħallas. Wara li jkun informa lill-Kummissjoni, il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiddeċiedi dwar liema azzjoni għandu jieħu biex jiżgura li l-Membru tal-FME kkonċernat isalda d-dejn tiegħu mal-FME fi żmien raġonevoli. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jkun intitolat li jirrekjedi l-ħlas ta' imgħax ta' inadempjenza fuq l-ammont li jkunu għadu dovut.
3. Meta Membru tal-FME jsalda d-dejn tiegħu mal-FME, kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-kapital żejjed għandu jiġi ritornat lill-Membri l-oħrajn tal-FME f'konformità mar-regoli adottati mill-Bord tal-Gvernaturi.

PARTI VII

DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI

Artikolu 29

Baġit

1. Il-FME għandu jkollu baġit awtonomu u awtofinanzjat li ma jkunx parti mill-baġit tal-Unjoni.
2. Is-sena finanzjarja tal-FME tibda fl-1 ta' Jannar u tispiċċa fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena.

Artikolu 30

Tħejjija tal-baġit

1. Id-Direttur Maniġerjali għandu jfassal baġit amministrattiv għal kull sena finanzjarja u jippreżentaha lill-Bord tad-Diretturi mhux iktar tard mill-15 ta' Novembru tas-sena finanzjarja preċedenti.

Il-Bord tad-Diretturi għandu japprova l-baġit amministrattiv mhux iktar tard mill-15 ta' Diċembru tas-sena finanzjarja preċedenti.

2. Il-baġit annwali, kif approvat mill-Bord tad-Diretturi, għandu jiġi ppreżentat lill-Bord tal-Gvernaturi fil-laqgħa annwali tiegħu li jkun imiss.

Artikolu 31

Kontabbiltà annwali

1. Il-Bord tad-Diretturi għandu jżomm il-kontijiet annwali tal-FME u għandu jagħmel il-kontijiet annwali tiegħu, kif ukoll ir-rapport sommarju trimestrali u r-rapport tal-introjtu, it-tnejn espressi f'euro, f'konformità mal-prinċipji tal-kontabilità ġeneralment aċċettati u l-konvenzjonijiet kontabilistiċi rikjesti mill-Bord tad-Diretturi u approvati mill-Bord tal-Awdituri.

Il-FME, fil-kontabilità interna tiegħu għandu jżomm kontijiet separati għall-attivitajiet tiegħu li jsiru skont l-Artikolu 19 ta' dan l-Istatut, f'konformità mal-prinċipji tal-kontabilità ġeneralment aċċettati u l-konvenzjonijiet kontabilistiċi addizzjonali adottati f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Il-kontijiet tal-MES għandhom jiġu awditjati f'konformità ma' standards tal-awditjar ġeneralment aċċettati tal-anqas darba fis-sena f'konformità mal-Artikolu 34 ta' dan l-Istatut.

4. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu japprova l-kontijiet annwali tal-FME.

5. Id-Direttur Maniġerjali għandu jdawwar rapport sommarju trimestrali mal-Membri tal-FME dwar il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu u rapport tal-introjtu li juri r-riżultati tal-operazzjonijiet tal-FME.

Artikolu 32

Rapporti finanzjarji u rapport annwali

1. Il-Bord tad-Diretturi għandu jħejji r-rapporti finanzjarji fir-rigward ta' sena finanzjarja mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena segwenti fil-forma ta' karta bilanċjali, rapport tal-introjtu, u noti ta' spjegazzjoni. In-noti ta' spjegazzjoni għandu jkun fihom sommarju tal-karta bilanċjali rilevanti u rapport tal-entrati tal-qligħ u t-telf fir-rigward tal-attivitajiet li jkunu saru

taħt l-istrument għar-rikapitalizzazzjoni diretta tal-istituzzjoni, estratti mill-kontijiet imsemmijin fl-Artikolu 31(2).

2. Id-Direttur Maniġerjali għandu jħejji rapport annwali fir-rigward ta' kull sena finanzjarja u jippreżentah lill-Bord tal-Gvernaturi għall-approvazzjoni fil-laqgħa annwali tiegħu.

Ir-rapport annwali għandu jkun fih:

- (a) deskrizzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tal-FME;
 - (b) ir-rapporti finanzjarji għas-sena finanzjarja rilevanti;
 - (c) ir-rapport tal-awdituri esterni fir-rigward tal-awditu tagħhom tar-rapporti finanzjarji skont l-Artikolu 34; u
 - (d) ir-rapport tal-Bord tal-Awdituri fir-rigward tar-rapporti finanzjarji skont l-Artikolu 35.
5. Ladarba jiġi approvat mill-Bord tal-Gvernaturi, ir-rapport annwali għandu jiġi ppublikat fuq is-sit web tal-FME.

Artikolu 33

Verifika interna

Għandu jiġi stabbilit uffiċċju tal-awditjar intern skont standards internazzjonali.

Artikolu 34

Verifika esterna

1. Il-kontijiet tal-FME għandhom jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti approvati mill-Bord tal-Gvernaturi għal terminu ta' tliet snin minn fost ditti tal-awditjar li għandhom reputazzjoni internazzjonali tajba, approvati u soġġetti għas-sorveljanza pubblika f'konformità mad-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill².

Għandu jkun hemm rotazzjoni mandatorja tad-ditta tal-awditjar kull sitt snin.

2. L-awdituri esterni għandhom ikunu responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni tal-kontijiet annwali u għandu jkollhom is-setgħat sħaħ li jeżaminaw il-kotba u l-kontijiet kollha tal-FME u li jiksibu l-informazzjoni sħiħa dwar it-tranżazzjonijiet tagħha.

Artikolu 35

Il-Bord tal-Awdituri

1. Il-Bord tal-Awdituri għandu jkun jikkonsisti minn ħames membri maħturin għal terminu ta' tliet snin li ma jistax jiġġedded mill-Bord tal-Gvernaturi u għandu jkun kompost kif ġej:

- (a) żewġ membri proposti mill-President;
- (b) żewġ membri deżinjati mill-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar ta' żewġ Membri tal-FME, wieħed mill-grupp ta' nofs il-Membri tal-FME li jkollhom l-ogħla għadd ta' ishma tal-FME, imqarreb 'l isfel għall-eqreb numru integru, u l-ieħor mill-grupp tal-Membri tal-FME li

² Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87).

jifdal, skont sistema ta' rotazzjoni li ssegwi l-ordni alfabetiku tal-ismijiet tal-Membri tal-FME ta' kull grupp bl-Ingliż, kif imniżżel fit-Tabella I ta' dan l-Istatut;

(c) membru wieħed iddeżinjat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Biex ikunu eliġibbli għall-ħatra fil-Bord tal-Awdituri, il-persuni maħturin irid ikollhom kompetenza fi kwistjonijiet ta' awditjar u finanzjarji u jrid ikollhom l-għarfien u l-ħiliet professjonali u l-esperjenza fl-awditjar li jkunu meħtieġa għat-twettiq xieraq tal-kompiti tal-Bord.

Il-Bord tal-Awdituri għandu jagħżel President u Viċi President minn fost il-membri tiegħu, kull wieħed għal terminu li jigggeded ta' sena.

Il-Bord tal-Awdituri għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura biex jirregolaw il-proċedimenti tiegħu.

2. Il-membri tal-Bord tal-Awdituri għandhom ikunu indipendenti fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom. La għandhom ifittxu, u lanqas jieħdu struzzjonijiet mingħand il-korpi li jiggvernaw il-FME, il-Membri tal-FME u l-ebda korp pubbliku jew privat ieħor.

Il-membri tal-Bord tal-Awdituri għandhom, f'konformità mal-istandards internazzjonali, jieħdu ħsieb li jevitaw kull kunflitt ta' interess u għandhom joqogħdu lura milli jagħmlu kwalunkwe azzjoni li ma tkunx kompatibbli mad-dmirijiet tagħhom, fil-waqt tal-ħatra tagħhom kif ukoll waqt u wara l-mandat tagħhom.

3. Il-Bord tal-Awdituri għandu jħejji awditi indipendenti. Huwa għandu jispezzjoni l-kontijiet tal-FME u jivverifika l-korrettezza tal-kontijiet operazzjonali u l-karta bilanċjali. Huwa għandu jawditja r-regolarità, il-konformità, il-prestazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju tal-FME f'konformità ma' standard internazzjonali tal-awditjar. Huwa għandu jimmonitorja u jeżamina l-proċessi interni u esterni tal-awditjar tal-FME u r-riżultati tagħhom.

Il-Bord tal-Awdituri għandu jkollu aċċess sħiħ għal kwalunkwe dokument jew informazzjoni tal-FME, u inkluża dejta rigward proċessi tal-awditjar interni u esterni li jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-kompiti tiegħu.

4. Il-Bord tal-Awdituri jista' jinforma lill-Bord tad-Direttori f'kull ħin dwar dak li jkun sab. Huwa għandu, fuq bażi annwali, jħejji rapport li jiġi ppreżentat lill-Bord tal-Gvernaturi, dwar is-sejbiet tal-awditi tiegħu b'rabta mal-kontijiet operazzjonali u l-karta bilanċjali u l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

5. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jagħmel ir-rapport annwali aċċessibbli għall-Parlamenti nazzjonali u l-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar tal-Membri tal-FME u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri mhux iktar minn 30 jum wara li jkun wasal mingħand il-Bord tal-Awdituri. Fl-istess ħin, għandu jibgħat ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

6. Il-Bord tal-Awdituri jista' jiddeċiedi li jħejji rapporti addizzjonali fuq talba tal-Bord tal-Gvernaturi jew id-Direttur Maniġerjali.

7. Il-membri tal-Bord tal-Awdituri u l-esperti maħtura minnu għandhom iżommu kunfidenzjalità stretta u ma għandhom jiżvelaw l-ebda informazzjoni li mhix pubblika li kisbu fil-qadi ta' dmirijietom, inkluż wara tmiem il-mandat jew il-ħatra tagħhom.

PARTI VIII

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 36

Sede

1. Il-FME għandu jkollu s-sede u l-uffiċċju prinċipali tiegħu fil-Lussemburgu.
2. Il-FME jista' jwaqqaf uffiċċji ta' kollegament soġġett għal deċiżjoni mill-Bord tad-Diretturi bis-saħħa tal-Artikolu 6(5) ta' dan l-Istatut.

Artikolu 37

Ftehim dwar is-sede

L-arranġamenti rigward l-akkomodazzjoni u l-faċilitajiet li se jiġu pprovduti għall-FME mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu għandhom ikunu stipulati fi ftehim dwar is-sede bejn il-FME u l-Lussemburgu. Sakemm jidħol fis-seħħ il-ftehim dwar is-sede, il-ftehim dwar il-kwartieri ġenerali bejn il-MES u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu tat-8 ta' Ottubru 2012 għandu jibqa' applikabbli għall-FME.

Artikolu 38

Privileġġi u immunitajiet

1. Il-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE u t-TFUE, għandu japplika għall-FME u l-persunal tiegħu.
2. Il-FME għandu jkun eżenti minn kull rekwiżit li jkun awtorizzat jew liċenzjat bħala istituzzjoni ta' kreditu, fornitur ta' servizzi ta' investiment jew entità liċenzjata awtorizzata jew regolata skont id-dritt tal-Unjoni u l-liġijiet tal-Istati Membri tagħha.

Artikolu 39

Persunal tal-FME

1. Ir-Regolamenti tal-Persunal, il-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea u r-regoli tal-applikazzjoni adottati konġuntament mill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni biex jagħtu effett lir-Regolamenti tal-Persunal u lill-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea għandhom japplikaw għall-persunal tal-FME skont l-Artikolu 1a(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, bl-eċċezzjoni tal-persunal li, fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament, ikunu impjegati b'kuntratt konkluż mal-MES. Tali kuntratti, inklużi dawk ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi, għandhom ikomplu jkunu rregolati mill-arranġament kuntrattwali applikabbli fid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

F'konformità mal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra, l-awtorità intitolata li tikkonkludi kuntratti msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu għandha toffri impjeg ta' żmien indefinit bħala membru tal-persunal temporanju jew kuntrattwali lil kwalunkwe persuna li, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, tkun impjegata taħt kuntratt ta' durata indefinita konkluż mill-MES. L-offerta ta' impjeg għandha tkun ibbażata fuq il-kompiti li għandhom jitwettqu mill-impjegat bħala membru tal-persunal temporanju jew kuntrattwali.

Il-kuntratti ta' żmien definit konklużi mill-MES għandhom jiskadu fid-data stipulata u ma għandhomx jiġu mġedda skont l-arranġamenti kuntrattwali applikabbli fil-waqt li jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, id-Direttur Maniġerjali għandu jkun fuq l-istess livell tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' emolumenti u l-età tal-pensjoni, kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 300/2016³. Il-membri tal-bord maniġerjali għandhom ikunu fl-istess livell ta' Membru ta' Tribunal Speċjalizzat, kif definit fir-Regolament (UE) Nru 300/2016. Għal aspetti li mhumiex koperti mir-Regolament (UE) Nru 300/2016, għandhom japplikaw ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieġ.
3. Il-persunal tal-FME għandu jkunu jikkonsisti minn uffiċjali, persunal temporanju u persunal kuntrattwali. Il-Bord Maniġerjali għandu jkun infurmat kull sena dwar kuntratti ta' żmien indefinit li jingħataw mid-Direttur Maniġerjali.
4. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni neċessarji skont f'konformità mal-arranġamenti previsti fl-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal.
5. Fir-rigward tal-persunal tal-FME, id-Direttur Maniġerjali għandu jeżerċita s-setgħat mogħtija lill-awtorità tal-ħatra mir-Regolamenti tal-Persunal u fuq l-awtorità intitolata li tikkonkludi kuntratti mill-Kundizzjonijiet tal-Impjieġ applikabbli għall-Aġenti l-Oħra.

Artikolu 40

Segretezza professjonali u skambju tal-informazzjoni.

1. Il-Membri u l-eks Membri tal-Bord tal-Gvernaturi jew tal-Bord tad-Diretturi u kwalunkwe persuni oħrajn li jaħdmu jew li kienu jaħdmu għal jew b'rabta mal-FME ma għandhomx jiżvelaw informazzjoni li hija soġġetta għas-segretezza professjonali bis-saħħa tal-Artikolu 339 TFUE u għad-dispożizzjonijiet applikabbli fid-dritt tal-Unjoni, saħansitra wara li jintemmu d-dmirijiet tagħhom. B'mod partikolari, huma għandhom ikunu meħtieġa ma jiżvelawx informazzjoni akkwistata tul l-attivitajiet professjonali tagħhom tat-tip koperta mill-obbligu tas-segretezza professjonali lill-ebda persuna jew awtorità, sakemm ma jkunx fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom skont dan ir-Regolament.
2. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta kodiċi ta' kondotta li għandu jorbot lid-Direttur Maniġerjali u d-diretturi kollha, diretturi li jalternaw u membri tal-persunal tal-FME, u għandu jistipula l-obbligi tagħhom fir-rigward ta' oqsma bħall-kunfidenzjalità, dikjarazzjonijiet pubbliċi u l-kuntatti mal-media, investimenti personali, u l-iżvelar ta' interessi finanzjarji u tan-negozju.
3. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-miżuri meħtieġa rigward it-trattar, l-ipproċessar, l-iżvelar u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.
4. Id-Direttur għandu jiżgura li qabel kwalunkwe informazzjoni tiġi żvelata, din ma jkun fiha l-ebda informazzjoni kunfidenzjali, b'mod partikolari billi jivvaluta l-effetti li dan l-iżvelar jista' jkollu fuq l-interess pubbliku fir-rigward tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja taż-żona tal-euro, ta' Membru tal-FME jew ta' Stat Membru parteċipanti fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013, fuq il-politika internazzjonali, finanzjarja jew monetarja, jew il-politika u r-relazzjonijiet ekonomiċi, fuq l-interessi kummerċjali ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, fuq proċeduri tal-qorti, fuq l-iskop tal-ispezzjonijiet, fuq l-ispezzjonijiet u fuq l-awditi. Il-proċedura biex jiġu ċekkjati l-effetti tal-iżvelar tal-informazzjoni għandha

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016 li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1).

tinkludi valutazzjoni speċifika tal-effetti ta' kwalunkwe żvelar tal-kontenut u dettalji ta' kwalunkwe dokument rigward il-provvediment ta' għajnuna għall-istabbiltà finanzjarja msemmi fl-Artikolu 16 ta' dan l-Istatut jew il-provvediment ta' linji ta' kreditu jew l-istabbiliment ta' garanziji f'appoġġ tal-SRB imsemmija fl-Artikoli minn 22 sa 24 ta' dan l-Istatut.

5. Soġġett għal salvagwardji xierqa biex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità stabbiliti bis-saħħa tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Bord tad-Diretturi ma għandux jipprevjeni lill-FME, lill-Membri tiegħu, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-BĊE, inklużi l-impjegati u l-esperti rispettivi tagħhom, milli jaqsmu xi informazzjoni, inkluża informazzjoni kunfidenzjali, ma' xulxin u ma' banek ċentrali, ma' awtoritajiet nazzjonali kompetenti fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, ma' skemi ta' garanzija tad-depożitu, ma' skemi ta' kumpens għall-investituri, mal-SRB, ma' awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali, ma' awtoritajiet responsabbli għal proċedimenti ta' insolvenza normali, u ma' Stati Membri parteċipanti fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 li l-munita tagħhom mhijiex l-euro jew l-awtoritajiet kompetenti tagħhom li jwettqu funzjonijiet ekwivalenti għal dawk imsemmija f'dan il-paragrafu, għat-twettiq tal-kompiti tal-FME. id-Direttur Maniġerjali għandu jissottometti l-qsim ta' informazzjoni għall-miżuri neċessarji previsti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

8. Dan l-Artikolu għandu japplika mingħajr preġudizzjoni għar-rekwiżiti tar-responsabbiltà tal-FME mal-Parlament Ewropew f'konformità mal-Artikolu 5 u mal-parlamenti nazzjonali tal-Membri tal-FME f'konformità mal-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament.

9. Ir-rekwiżiti tas-segretezza professjonali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw ukoll għall-osservaturi bis-saħħa tal-Artikolu 5(3), (4), u (5) jew parteċipanti li jattendu l-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi bis-saħħa tal-Artikolu 22.

Artikolu 41

Kooperazzjoni

1. Il-FME jista' jistabbilixxi u jżomm relazzjonijiet ta' kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet, korpi u organi tal-Unjoni f'konformità mal-għanijiet rispettivi tagħhom, u mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi li jagħtu assistenza finanzjarja lil Membru tal-FME fuq bażi *ad hoc*, u organizzazzjonijiet internazzjonali jew entitajiet li jkollhom responsabbiltajiet speċjalizzati f'oqsma relatati.

2. Għall-finijiet stipulati fil-paragrafu 1, il-FME jista' jikkonkludi arranġamenti ta' ħidma, b'mod partikolari mal-Kummissjoni u mal-Bank Ċentrali Ewropew. Dawn l-arranġamenti ta' ħidma għandhom ikunu ta' natura teknika u/jew operazzjonali u għandhom b'mod partikolari jkollhom il-mira li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni bejn il-partijiet tagħhom f'konformità mal-Artikolu 40(5) ta' dan l-Istatut. Dawn l-arranġamenti ta' ħidma ma għandhomx ikollhom effetti legalment vinkolanti.

PARTI IX

ARRANĠAMENTI TRANŻIZZJONALI

Artikolu 42

Ġestjoni tal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja

Il-FME jista' jimmaniġja l-EFSF fuq il-bażi ta' ftehim ta' ġestjoni mal-EFSF inklużi t-termini ta' remunerazzjoni. Meta l-MES jikkonkludi kwalunkwe ftehim bl-istess effett, għandu japplika l-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament għal tali ftehim.

Artikolu 43

Ħlas tal-kapital inizjali għal membri ġodda tal-FME

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(4) u l-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Membri ġodda tal-FME mogħtija minn dan ir-Regolament, inklużi d-drittijiet tal-vot, għandhom ikunu kondizzjonali fuq is-sottoskrizzjoni tal-kontribuzzjoni inizjali tiegħu lill-istokk kapitali awtorizzati.
2. Meta jissottoskrivi l-kontribuzzjoni inizjali tiegħu, il-ħlas ta' ishma mħallsa tal-Membru tal-FME għandu jsir f'ħames pagamenti akkont annwali indaq ta' 20 % tal-ammont totali. L-erba' ħlasijiet li jifdal għandhom jitħallsu rispettivament fl-ewwel, it-tieni, ir-raba', u l-ħames anniversarju tad-data tal-ħlas tal-ewwel ħlas parzjali.
3. Tul il-perjodu ta' ħames snin ta' ħlasijiet parzjali tal-kapital, il-Membri ġodda tal-FME għandhom jaċċelleraw il-pagament ta' ishma mħallsin fil-ħin qabel id-data tal-ħruġ sabiex jinżamm proporzjon minimu ta' 15 % bejn il-kapital imħallas u l-ammont pendenti ta' ħruġ tal-FME u tiġi garantita kapacià ta' self tal-FME ta' EUR 500 000 miljun.
4. Membru tal-FME ġdid jista' jiddeċiedi li jaċċellera l-ħlas tas-sehem tiegħu ta' kapital imħallas.

Artikolu 44

Korrezzjoni temporanja tal-kjavi tal-kontribuzzjoni

1. Il-korrezzjoni temporanja inkluża fil-kjavi tal-kontribuzzjoni inizjali għandha tapplika għal perjodu ta' 12-il sena wara d-data tal-adozzjoni tal-euro mill-membru tal-FME kkonċernat.
2. Jekk il-prodott domestiku gross *per capita* (PDG) ta' Membru tal-FME fi prezzijiet tas-suq fl-euro fis-sena immedjatament qabel id-dħul tiegħu fil-FME ikun inqas minn 75 % tal-PDG *per capita* medju tal-Unjoni fi prezzijiet tas-suq, allura l-kjavi tal-kontribuzzjoni tiegħu għas-sottoskrizzjoni għall-istokk kapitali awtorizzati tal-FME, determinat f'konformità mal-Artikolu 8, għandu jibbenefika minn korrezzjoni temporanja u jkun daqs is-somma ta':
 - (a) 25 % tas-sehem ta' perċentwal fil-kapital tal-BĊE tal-bank ċentrali nazzjonali ta' dak il-Membru tal-FME, determinat f'konformità mal-Artikolu 29 tal-Istatut tas-SEBĊ; u
 - (b) 75 % tas-sehem perċentwal ta' dak il-Membru tal-FME fl-introjtu nazzjonali gross fi prezzijiet tas-suq fl-euro fiż-żona tal-euro fis-sena immedjatament preċedenti d-dħul tiegħu fil-FME.Il-perċentwali msemmija fil-punti (a) u (b) għandhom jitqarrbu 'l isfel jew 'il fuq għall-eqreb multiplu ta' 0,0001 punt perċentwali. It-termini statistiċi għandhom ikunu dawk ippubblikati mill-Eurostat.
3. Il-korrezzjoni temporanja msemmija fil-paragrafu 2 għandha tapplika għal perjodu ta' 12-il sena wara d-data tal-adozzjoni tal-euro mill-membru tal-FME kkonċernat.

4. B'riżultat tal-korrezzjoni temporanja tal-kjavi, il-proporzjon rilevanti ta' ishma allokati lil Membru tal-FME f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi riallokati fost il-Membri tal-FME li ma jibbenefikawx minn korrezzjoni temporanja fuq il-bażi tal-parteċipazzjoni azzjonarja tagħhom fil-BĊE, determinata f'konformità mal-Artikolu 29 tal-Istatut tas-SEBĊ, li tkun preżenti immedjatament qabel ma jinħarġu l-ishma għall-Membru tal-FME l-għdid.

PARTI X

DISPOŻIZZJONIJIET OĦRAJN

Artikolu 45

Miżuri kontra l-frodi

1. Għall-finijiet li jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni, u kull attività illegali oħra msemmija fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-FME għandu jaċċedi għall-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi ("OLAF") u għandu immedjatament jadotta dispożizzjonijiet xierqa applikabbli għall-persunal kollu tal-FME bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness ta' dak il-Ftehim Interistituzzjonali.
2. Il-Qorti tal-Awdituri għandu jkollha s-setgħa li tawditja lill-benefiċjarji, lill-kuntratturi u lis-sottokuntratturi li jkunu rċevew fondi mill-FME fuq il-bażi ta' dokumenti u verifiki fil-post.
3. L-OLAF jista' jagħmel investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fil-post bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea b'rabta ma' kuntratt iffinanzjat mill-FME f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96⁵ u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

Artikolu 46

Aċċess għad-dokumenti

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ għandu japplika għal dokumenti miżmuma mill-FME.
2. Il-FME għandu, fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jadotta miżuri interni għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

⁴ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

3. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-FME f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistgħu jkunu s-suġġett ta' lment mal-Ombudsman Ewropew jew ta' proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 228 u 263 TFUE rispettivament.

4. Persuni li huma soġġetti għad-deċiżjonijiet tal-FME għandhom ikunu intitolati li jkollhom aċċess għall-fajl tal-FME, soġġett għall-interess leġittimu ta' persuni oħra fil-ħarsien tas-sigrieti kummerċjali tagħhom. Id-dritt ta' aċċess għall-fajl ma għandux jestendi għal informazzjoni kunfidenzjali jew dokumenti ta' tħejjija interni tal-FME.

Artikolu 47

Rekwiżiti tal-lingwa

1. Sakemm ma jiġix ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament, għandu japplika r-Regolament tal-Kunsill 1/1958⁷ għall-FME.

2. Il-lingwa jew lingwi ta' ħidma għall-FME, inkluża għat-tmexxija tal-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi, il-Bord tad-Diretturi, il-Bord Maniġerjali, u l-Bord tal-Awdituri, għandu jiġi determinat mill-Bord tal-Gvernaturi f'konformità mal-Artikolu 5(8) ta' dan l-Istatut.

3. Il-FME jista' jiddeċiedi liem lingwa uffiċjali għandu juża meta jibgħat dokumenti lill-istituzzjonijiet, aġenziji jew organi tal-Unjoni.

4. Il-verżjoni awtentika ta' kull rekord tal-MES għandha tkun il-verżjoni bl-Ingliż, sakemm:

(a) il-Bord tad-Diretturi ma jiddeċidix mod ieħor fir-rigward ta' tranżazzjoni partikolari;

(b) id-Direttur Maniġerjali, fuq talba u bi spiża għal Membru tal-FME, jivvalida bħala awtentika t-traduzzjoni ta' deċiżjoni partikolari meħuda mill-Bord tal-Gvernaturi jew mill-Bord tad-Diretturi fil-lingwa jew lingwi uffiċjali ta' dak il-Membru tal-FME jekk ikun meħtieġ għat-tlestija tal-proċeduri nazzjonali applikabbli.

TABELLA I

Kjavi tal-kontribuzzjoni inizjali tal-FME

<i>Membru tal-FME</i>	<i>Kjavi tal-FME (%)</i>
<i>Ir-Renju tal-Belġju</i>	<i>3,4534</i>
<i>Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja</i>	<i>26,9616</i>
<i>Ir-Repubblika tal-Estonja</i>	<i>0,1847</i>
<i>L-Irlanda</i>	<i>1,5814</i>
<i>Ir-Repubblika Ellenika</i>	<i>2,7975</i>

⁷ Ir-Regolament Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 17, 6.10.1958, p. 385).

<i>Ir-Renju ta' Spanja</i>	<i>11,8227</i>
<i>Ir-Repubblika Franċiża</i>	<i>20,2471</i>
<i>Ir-Repubblika Taljana</i>	<i>17,7917</i>
<i>Ir-Repubblika ta' Ċipru</i>	<i>0,1949</i>
<i>Ir-Repubblika tal-Latvja</i>	<i>0,2746</i>
<i>Ir-Repubblika tal-Litwanja</i>	<i>0,4063</i>
<i>Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu</i>	<i>0,2487</i>
<i>Malta</i>	<i>0,0726</i>
<i>Ir-Renju tan-Netherlands</i>	<i>5,6781</i>
<i>Ir-Repubblika tal-Awstrija</i>	<i>2,7644</i>
<i>Ir-Repubblika Portugiża</i>	<i>2,4921</i>
<i>Ir-Repubblika tas-Slovenja</i>	<i>0,4247</i>
<i>Ir-Repubblika Slovakka</i>	<i>0,8184</i>
<i>Ir-Repubblika tal-Finlandja</i>	<i>1,7852</i>
Total	100,0

Il-figuri ta' hawn fuq ġew imqarrba għal erba' deċimali.

TABELLA II

Sottoskrizzjoni għall-istokk kapitali awtorizzati inizjali

<i>Membru tal-FME</i>	<i>Għadd ta' ishma</i>	<i>Sottoskrizzjoni għall-kapital (EUR)</i>
<i>Ir-Renju tal-Belġju</i>	<i>243 397</i>	<i>24 339 700 000</i>
<i>Ir-Repubblika Federali tal- Ġermanja</i>	<i>1 900 248</i>	<i>190 024 800 000</i>
<i>Ir-Repubblika tal-Estonja</i>	<i>13 020</i>	<i>1 302 000 000</i>
<i>L-Irlanda</i>	<i>111 454</i>	<i>11 145 400 000</i>
<i>Ir-Repubblika Ellenika</i>	<i>197 169</i>	<i>19 716 900 000</i>

<i>Ir-Renju ta' Spanja</i>	833 259	83 325 900 000
<i>Ir-Repubblika Franċiża</i>	1 427 013	142 701 300 000
<i>Ir-Repubblika Taljana</i>	1 253 959	125 395 900 000
<i>Ir-Repubblika ta' Ċipru</i>	13 734	1 373 400 000
<i>Ir-Repubblika tal-Latvja</i>	19 353	1 935 300 000
<i>Ir-Repubblika tal-Litwanja</i>	28 634	2 863 400 000
<i>Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu</i>	17 528	1 752 800 000
<i>Malta</i>	5 117	511 700 000
<i>Ir-Renju tan-Netherlands</i>	400 190	40 019 000 000
<i>Ir-Repubblika tal-Awstrija</i>	194 838	19 483 800 000
<i>Ir-Repubblika Portugiża</i>	175 644	17 564 400 000
<i>Ir-Repubblika tas-Slovenja</i>	29 932	2 993 200 000
<i>Ir-Repubblika Slovakka</i>	57 680	5 768 000 000
<i>Ir-Repubblika tal-Finlandja</i>	125 818	12 581 800 000
Total	7 047 987	704 798 700 000